# Ħelsien u Fidwa ta' l-Iskjavi f'Malta u Għawdex



minn Guido Lanfranco



Kull pajjiż li kellu l-flus u s-saħħa kien ikollu l-iskjavi. Ir-renjanti, in-nobbli, il-papa u l-kbarat ta' l-Ewropa kollha kont issibilhom l-iskavi li setgħu jkunu rġiel, nisa jew tfal li ġeneralment jinqabdu mill-kursari fuq il-baħar. Fil-gżejjer tagħna kien hawn ħafna skjavi fi djar privati, istituti, kunventi, għand l-inkwiżitur, l-isqof u l-gran mastru. L-iskjavitù spiċċat minn Malta mal-miġja ta' Napuljun fl-1798; dakinhar kienu nħelsu minn Malta xi 600 skjav Mislem. Sa dak iż-żmien l-iskjavi kienu jitqiesu bħala oġġetti li jiswew l-flus biex tixtrihom imma wkoll iridu jitħallsu l-flus biex jinħelsu mill-jasar. Dawk li ma kellhomx min jeħlishom jew jifdihom bil-flus jew bil-bdil ma' skjavi oħra kienu jibqgħu skjavi ħajjithom kollha jekk ma jinħelsux minn xi benefatturi jew organizzazzjonijiet apposta li minnhom kien hawn għadd mhux ħażin.

## Eżempji Bikrin ta' Ħelsien ta' Skjavi f'Malta

Fost dokumenti l-aktar bikrin qabel il-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta nsibu msemmi l-ħelsien ta' skjavi. Bħala eżempji nsemmu ftit każi. Meta l-gżejjer tagħna kienu taħt il-Misilmin u l-popolazzjoni żgħira kienet tħaddan l-istess twemmin, fl-1048-1049 ġew attakkati mil-flotta tal-Kristjani Biżantini u Malta kienet appik li taqa' taħt idejhom. Jidher li dak iż-żmien kien hawn aktar skjavi milli residenti oħra għalhekk dawk l-iskjavi ġew mitluba biex jikkoperaw fid-difiża b'hekk jevitaw l-invażjoni u l-mewt u fuq kollox, jinħelsu mill-jasar bħala rikompensa.

Fl-arkivji ta' Palermo jissemma wkoll, f'dawn iż-żminijiet bikrin, il-liberazzjoni ta' wieħed Johanne Greco fl-1372. Ta' min jgħid li fil-ħelsien ta' skjavi jintużaw diversi kliem, bħal emanċipazzjoni, riskatt, liberazzjoni, redenzjoni u kliem ieħor. Fl-1374 ir-re ta' Sqallija ordna lill-viċi segreto biex jibgħat flus lil Paolo di Messana li kien joqgħod Malta biex dan ikun jista' jifdi lill-ibnu li kien miżmum skjav fil-Barbarija.

Sitt irġiel Lhud li kienu jaħdmu residenti f'Għawdex inqabdu mis-Saraċini fl-1390. Dawn kienu bdew sforzi u negozjati biex jiġu mifdijin. Billi kienu foqra kienu ġabru għalihom mill-universitas jew gvern ta' Trapani imma l-flus baqgħu reqdin hemm. Dawn is-sitt skjavi baqgħu jistennew għal tlettax-il sena sħaħ! Fl-aħħar ir-Re Martin, li taħtu kienu l-gżejjer tagħna ordna li jitħallas ir-riskatt jew flus tal-fidwa biex jinħelsu. Fl-1403 ir-Re Martin kiteb lill-ekkleżjastiċi u uffiċjali għolja ta' Malta biex jimponu taxxa fuq legati u fondi oħrajn biex il-flus imorru għall-fidwa ta' Maltin u Għawdxin li kienu maqbudin u miżmumin skjavi mis-Saraċini u hedded lin-nutara li jirtiralhom il-liċenzja jekk jaħbu sorsi

bħal dawn. Fl-1406 reġa' kien kiteb biex lil Federico Bajada jerġgħu jappuntawh fil-kariga li kellu qabel ta' viċi segreto ta' Għawdex wara li kien ġie mifdi mill-jasar u rritorna. Imma dan Bajada kien reġa' nqabad skjav ftit snin wara u ma reġax aktar lura għax miet fil-jasar. Jissemma' każ ieħor f1-1496 meta Petrus Darmanin kien ġie Malta biex jiġbor il-flus li kien ħallas f'Ġirba (*Djerba*) biex jinħeles raġel maqbud skjav hemmekk. F'Ġirba kienu jinżammu ħafna skjavi maħtufin minn Malta. Fost il-meħlusin fl-1529 kien hemm wieħed Giuliano Axaq li nħeles minn Ġirba fejn kien hemm diversi jaħdmu f'dan ix-xogħol biex mhux biss aġenti biex jifdu skjavi nsara minn taħt idejn il-Mislem, imma wkoll oħrajn misilmin li kienu jaħdmu biex jeħilsu lil sħabhom minn taħt idejn l-Ordni; lil dawn l-Ordni kienet toħorġilhom ċertifikati biex jitħallew fil-libertà waqt xogħolhom. Meta darba nħeles kaptan nisrani minn Ġirba ġabuh fuq galjott mimli merkanzija biex isservi għall-ħelsien ta' Ġirbin li kienu skjavi f'Malta.

## Fidwa u Ħelsien fi Żmien l-Ordni

Fi żmien l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta kien hawn ħafna regolamenti dwar xiri, żamma u fidwa ta' skjavi. Regola ġenerali kienet li l-insara ma jinżammux skjavi jkunu fejn ikunu u l-inkwiżitur ġie li kien joqgħod ifettaq u jargumenta jekk dawk tar-rit Xiżmatiku kellhomx l-istess dritt, imma Ruma ma qabletx miegħu. L-Ordni kienet iżżomm 'il Misilmin maqbuda mill-kursari tagħha sakemm jiġu mifdijin. L-istess Ordni ta' San Ġwann kellha wkoll sensara u nies oħra nies ta' esperjenza fin-negozju ta' l-iskjavi biex jagħtu pariri dwar il-prezzijiet kurrenti għax-xiri u r-redenzjoni jew fidwa tagħhom u dawn kienu jirċievu kummissjoni ta' wieħed fil-mija fuq il-bejgħ. It-taqsima tat-teżor ta' l-Ordni kienet tkun infurmata minn qabel meta jasal biex jitħallas ir-riskatt fuq skjavi għall-ħelsien. Sakemm jinħeles skjav, mal-flus tal-fidwa kien ikun hemm diversi *tips* u ħlasijiet relattivament ċkejknin li kienu d-drittijiet ta' diversi uffiċjali u nkarigati oħra, ibda mit-tabib tal-ħabs u spiċċa bil-purtinar; għalhekk waħda mara fl-1651, meta riedet teħles lil ħuha li kien miżmum f'Tunes billi tibdlu ma' ieħor li xtrat minn Malta, kellha tħallas ukoll *diritto della porta* jew dritt tal-ħruġ. Xi skjavi nsara kienu jinbidlu ma' oħrajn Misilmin biex jinħelsu. Oħrajn kienu jsibu l-ħelsien meta jmut sidhom li aktarx ikun ħalla bil-miktub il-ħelsien tagħhom fit-testment. Ħelsien ta' gruppi ta' skjavi kien ikun ikkalkulat fuq prezz, imma individwalment kienu jiswew relattivament aktar biex jinħelsu. Kienu jiġu minn artijiet misilmin ta' l-Afrika ta' Fuq aġenti, negozjanti u ambaxxaturi biex jinnegozjaw u jikkurdaw il-prezzijiet għall-ħelsien ta' skjavi miżmumin f'Malta fil-ħabsijiet ta' l-Ordni. Fl-1782, bħala eżempju nistgħu insemmu li kienet ġiet Malta fuq waħda miż-żjajjar tagħha delegazzjoni mill-Marokk b'fondi ta' mitejn elf pjastra biex jifdu kemm jistgħu lsiera Misilmin miżmumin mill-Ordni ta' San Ġwann; dik is-sena f'Malta kien hawn 1,600 skjav mislem u minnhom ġew liberati 600 bil-ħlas tar-riskatt.

L-Ordni kienet teħles skjavi li kienu jiġu minn kullimkien, f'ċirkostanzi differenti, fosthom Russi bħal ma jissemma' fil-każ tal-1574 meta daħlet flotta kbira Torka fil-fliegu bejn Malta u Għawdex u ħarbu minn fuqhom għaxar skjavi Russi lejn Għawdex; il-Gran Mastru rrikmanda l-ħelsien tagħhom. Fl-1661 il-flotta ta' l-Ordni ma' dik Venezjana, ħdejn il-gżira ta' Milos tal-Greċja, kienu ħelsu 250 skjav nisrani bħalma kienu jagħmlu f'każi oħrajn simili. Fl-1628 wara taqbida ma' disa' galeri Torok, l-iskwadra navali ta' l-Ordni qabdet żewġ bċejjeċ misilmin qrib Kandja u taw il-libertà lil 112 skjavi nsara. Fl-1656 l-Ordni tat palata lill-Venezjani fid-Dardanelli żmien it-taqbida ta' Kandja u hemm

qabdu galeri Torok u lliberaw għadd kbir ta' skjavi nsara. Fl-istess żmien inqabdu wkoll żewġ bastimenti kursari u minnhom inħelsu 217-il skjav oħra Kristjani. F'din l-avventura ta' suċċess l-Ordni qabdet għadd kbir ta' Torok u oħrajn mill-Barbarija li żammet bħala skjavi.

F'diversi reġistri ta' l-Ordni wieħed jiltaqa' ma' rapporti dwar liberazzjoni ta' skjavi, bħal eżempju fl-1697 meta skjav żagħżugħ ġie mibdul ma' wieħed xiħ u skjav Tork ġie liberat, u wkoll fl-1702-3 ġew liberati skjavi li ħallsu jew tħallsulhom il-flus tal-fidwa. Minbarra l-iskjavi mibjugħin, mixtrija jew liberati kien ikun hemm ukoll irġiel, ittrattati bħal-iskjavi, l-aktar jaqdfu fuq il-galeri ta' l-Ordni, li kienu jissejħu banavolja (jew *buonavoglia*) li kienu minn jeddhom joffru li jagħmlu dak ix-xogħol minħabba li jkollhom xi dejn li ma jistgħux iħallsuh mod ieħor; wieħed minn dawn fl-1703 ħafrulu d-dejn u ġie liberat.

Fl-1707-8 il-flotta ta' l-Ordni kienet tilfet il-battalja ta' Oran b'ħafna mwiet u maqbudin, inklużi uħud mill-kavallieri stess. Il-Gran Mastru baqa' jitlajja u ma ħareġ l-ebda fidwa għall-kavallieri maqbuda fl-Alġerija. Il-qraba tagħhom kienu ġabru ħamsin elf skud biex jifduhom sal-1715 imma kollox baqa' l-istess għax ir-rejiet ta' Franza u Spanja ma wrewx interess fil-każ tagħhom u kellhom idumu sal-1717 biex fl-aħħar, bil-persważjoni tar-reġġent ġdid ta' Orleans u l-ġbir ta' 24,000 skud ieħor minn għaqdiet apposta barranin inħelsu. Għadna kemm rajna kemm l-Ordni damet biex ħelset kavallieri skjavi fl-Alġerija, għalhekk wieħed jista' jaħseb kemm kienu jagħtu kas ta' Maltin komuni. Fl-1551 l-Ordni tilfet 'il Tripli wara l-invażjoni ta' Malta u Għawdex mill-flotta tat-Torok u hemm inqabdu wkoll xi kavallieri. l-Ordni kienet fdiethom u ħelsithom imma lill-Maltin li qabel kienu mpjegati ma' l-Ordni ħallewhom skjavi fi Tripli.

Fl-1748 *La Lupa*, xini tat-Torok f'Rodi, kellu fuqu għadd kbir ta' skjavi mħaddma fuqu minbarra għadd ta' passiġġieri. L-iskjavi ta' fuqu rvellaw u rnexxielhom jaħtfu taħt idejhom lil kulħadd priġunier, ħadu b'idejhom il-ħelsien mill-jasar u baħħru b'kollox lejn il-port ta' Malta. Fost il-maqbudin kien hemm 16-il skjav Malti li kienu nsara, nħelsu mill-Ordni imma 140 Mislem ġew miżmuma skjavi ta' l-Ordni.

Fl-1541, il-galjott ta' l-Ordni kien inqabad mill-kursari tal-Barbarija u La Valette, li dak iż-żmien kien il-kaptan tiegħu inqabad ukoll u dam sena sakemm fdewh, mbagħad baqa' fi Tripli bħala gvernatur f'isem l-Ordni ta' San Ġwann għax sa dak iż-żmien kienet tal-kavallieri flimkien mal-gżejjer Maltin.

*La Catarinetta*, galera ta' l-Ordni li fl-1548 kienet fi triqtha lejn Napli għat-tiswijiet wara ħsarat f'maltempata, inqabdet minn Dragut u kull min kien fuqha, inklużi xi kavallieri, ittieħdu priġunieri lejn Ġirba. Il-kavallieri maqbuda damu hemm sitt xhur waqt li Dragut għamel negozjati għall-ħelsien tagħhom bi 3,000 skud kull wieħed u huwa wkoll irnexxielu jikseb il-ħelsien ta' ħafna skjavi Torok miżmuma f'Malta.

Fis-seklu tmintax skjav Tork miżmum f'Malta ġie mifdi u rritorna pajjiżu. Hemm kien ħajjar lil xi mexxejja biex jiġu jieħdu 'l Malta taħt idejhom billi qal li tant kien hawn ilsiera misilmin f'Malta li dawn kienu jistgħu jiftiehmu u jqumu kollha f'daqqa kontra l-Ordni wara sinjal mill-flotta Torka meta tasal f'Malta. Għalhekk fl-1714 flotta kbira Torka resqet qrib Malta u l-kaptan bagħat messaġġ lil Gran Mastru biex iċedi jekk ma jridx li jiġi attakkat minnufih. Imma l-Gran Mastru ġa kienet waslitlu l-aħbar mill-ispjuni ta' l-Ordni li kienet ġiet organizzata xi rewwixta ta' l-iskjavi misilmin waqt attakk mit-Torok għalhekk, meta waslet il-flotta l-iskjavi kienu ġa kollha maqfulin u mgħassa sewwa. F'dawn iċ-ċirkostanzi l-kaptan Tork, minflok imur lura b'idejh vojta, kellu jikkuntenta billi jaċċetta proposta tal-

Gran Mastru li kif kien il-mument opportun isir bdil ta' skjavi Torok f'Malta ma' oħrajn insara miżmumin mit-Torok.

## Fratellanzi, Fondazzjonijiet u Benefatturi għall-Ħelsien ta' l-Iskjavi

Il-fratellanzi f'Malta, kif ukoll barranin kollha jkollhom fl-istatuti tagħhom xi obbligu biex jagħmlu opri ta' karità fost il-membri tagħhom u l-proxxmu fqajjar ta' madwarhom. Skjavi Maltin mill-artijiet fejn kienu jkunu miżmumin kienu japplikaw għall-fidwa billi jikkuntattjaw, permezz ta' aġenti u negozjanti ta' skjavi, lil fondazzjonijiet, għaqdiet, fratellanzi u fondazzjonijiet f'Malta li kellhom fondi apposta. Bħala eżempju nafu li fl-1722 għadd ta' skjavi applikaw għall-fidwa minn diveri pajjiżi fosthom minn Kostantinopli (31), Tuneż (22), Alġerija (18), Barbarija (10), Tripli (9), Rodi (4) u oħrajn. Sas-seklu tmintax kien ikollhom ukoll fi ħsiebhom l-iskjavi għax, wara kollox, il-jasar kienet ħaġa ta' kuljum fi żmienhom. Fl-1741 kien sar trattat ta' paċi, navigazzjoni u kummerċ bejn Sqallija, Napli, Malta u Tripli u parti mill-ftehim kien dwar ħelsien ta' skjavi fil-Mediterran Ċentrali. Fl-1735 il-bord kummerċjali f'Napli ġa kienet waqqfet taqsima għar-redenzjoni ta' l-iskjavi taħt it-tmexxija ta' fratellanzi.

Barra minn Malta kien hemm Ordni tat-Trinitarji għar-Redenzjoni ta' l-Iskjavi u l-kalzrati. Magħha kien hemm assoċjati diversi fratellanzi tat-Trinità Mqaddsa. Xogħlhom kien jinkludi xogħol missjunarju, redenzjoni ta' skjavi u ħabsin u kura ta' pellegrini foqra u morda. Dawn kienu jilbsu labtu bl-aħmar u l-blu. Fl-Isla kien hemm imwaqqfa l-Fratellanza tat-Trinità u r-Redenzjoni ta' l-Iskjavi. Fl-1739 fil-parroċċa ta' San Ġorġ t'Għawdex l-altar li kien dedikat lil San Omobono ġie dedikat mill-ġdid, din id-darba lis-S'ma Trinità. Dan għaliex fuqu twaqqfet il-fratellanza li kienet tissejjaħ tat-Trinitarji. Wieħed mill-iskopijiet tagħha kien li tiġbor fondi għar-redenzjoni ta' l-iskjavi, għalhekk ukoll kienet magħrufa bħala Fratellanza Tal-Fidwa. Meta Napuljun, fl-1798, elimina s-sistema ta' l-iskjavi f'Malta dik il-fratellanza ma kienx baqagħlha aktar skop u xogħljiet; l-altar reġa' ġie għalli kien, dedikat lil San Omobono.

Fl-1630 fil-knisja parrokkjali ta' l-Isla twaqqaf l-altar dedikat lill-Madonna tal-Katina tal-fratellanza ta' l-istess isem. Fost xogħol ieħor il-fratelli kienu jorganizzaw talb apposta għall-ħelsien ta' l-iskjavi.

Fil-parroċċa ta' San Pawl tal-Belt fl-1631 twaqqfet il-fratellanza tal-Karità minn Giovanni Domenico Denapoli li ħalla art fl-istess belt biex bir-renti jinħeles skjav kull sena wara li ssir applikazzjoni mill-qraba ta' l-ilsir. Il-fratellanza kienet ittella' l-isem ta' skjav b'vot sigriet u l-preferenza kienet għal dawk l-aktar foqra jew għat-tfal. Wieħed skjav kellu aċċess għal flus mingħand il-*Monte della redenzione degli schiavi* biex titħallaslu l-fidwa; ma' dawn l-iskjav offra wkoll sitt btieti nbid imma sidu Tork ried aktar minn hekk u fl-aħħar kienet din il-Fratellanza tal-Karità tal-Belt li ħarġitlu mitt skud fuqhom.

Fil-Qrendi hemm il-knisja tal-Madonna tal-Ħniena. It-titolu Tal-Ħniena kien assoċjat mal-fidwa ta' l-iskjavi u priġunieri oħra. Fil-pittura titulari jidher imdaħħal Jaime Primero li kien re ta' Aragona fis-seklu tlettax li f'pajjiżu kien waqqaf fondi għar-redenzjoni ta' l-iskjavi u priġunieri, *De mercede redemptionis captivorum*. Din il-fondazzjponi kienet speċifikament għall-fidwa ta' nsara maqbudin mis-Saraċini. Il-festa tal-Madonna tal-Ħniena għall-ewwel kienet tkun fit-8 ta' Settembru imma wara bdiet issir fl-24. Fl-1696 twaqqfet bħala festa universali tal-knisja imma billi spiċċat il-funzjoni tagħha, tneħħiet

mill-kalendarju fl-1969. Il-fratellanzi barranin tal-Madonna ta'Ħniena kienu ggwidati mill-Merċedarjani li kellhom l-istess xogħol bħal Fratellanzi tal-Madonna tar-Redenzjoni ta' l-Iskjavi nsara; kien ikollhom labtu abjad bil-Madonna tal-Ħniena. Ta' min jgħid li meta nirreferu għal Madonna tal-Ħlas (bħalma hemm fiż-Żejtun u f'Ħal Qormi) fi żmienna għandu mnejn wieħed jassumi li dak hu titolu li jirreferi għall-ħlas jew twelid ta' trabi, imma oriġinarjament il-kelma ħlas fit-titolu tal-Madonna kienet aktar direttament tfisser ħelsien li, sas-seklu tmintax, kien jirreferi għall-Ħelsien ta' skjavi. Fl-1684 waħda sinjura Messia Fighera ħolqot fondi ta' elf skud biex bihom jinfdew mill-jasar patrijiet Dumnikani Maltin.

## Monte della Redenzione degli Schiavi u Benefatturi Oħra

Il-*Monte della redenzione degli schiavi* f'Malta twaqqfet fl-1607 mill-Gran Mastru Wignacourt għall-ħelsien ta' skjavi Maltin miżmumin barra minn xtutna. Dan għamlu wara li kien ispirat meta sama' priedka fil-knisja ta'San Ġwann minn Kapuċċin Patri Raffaele li kellu esperjenzi personali fil-jasar. Fuq il-bieb tal-kastell ta' Selmun għad hemm l-ittra R li tfisser *redenzione*. Fl-1619 Caterina Vitale kienet ħalliet ġidha kollu lil din il-*Monte*. Kull sena żmien l-Għid il-Kbir rappreżentanti kienu jmorru fis-swieq ta' l-iskjavi u jġibu lura magħhom xi ftit skjavi Maltin mifdijin minnhom. Din il-*Monte di redenzione* fl-1787 ngħaqdet mal-*Monte di Pietà* u ffurmat il-*Monte di Pietà e Redenzione*. *Il-Monte di Pietà* kienet twaqqfet fl-1598 biex il-foqra jistgħu jirhanu xi ħaġa għall-flus.

Il-knisja ta' Malta ukoll kienet tgħin fil-fidwa ta' skjavi. Eżempju ta' dan kien fl-1551 meta t-Torok kienu ħatfu eluf ta' skjavi minn Għawdex. L-isqof ordna ġabra apposta fil-knejjes kollha u ġab indulġenzi speċjali mill-Papa għal dawk li jagħtu deheb u fidda għall-fidwa ta' l-iskjavi Għawdxin. L-inkwiżituri sikwit kienu jitlewmu ma' l-isqfijiet. Fl-1796-97 kellhom xi jgħidu għax it-tnejn ħassew li kellhom id-dritt iqassmu flus mill-legati tal-fondi magħrufa bħal t-Tribunal tar-Reverenda Fabbrica di San Pietro; din kienet, fost karitajiet oħra, tifdi l-ilsiera.

Gregorio Bonici kien benefattur kbir u magħruf tal-parroċċa taż-Żejtun. Fit-testment tiegħu ħalla provedimenti għall-ħelsien ta' l-iskjavi li kellu hu stess minbarra opri tajba oħra. Fl-1703 kien ġie Malta Simone Barbaro, benefattur sinjurun nobbli mill-Italja. F'artu kien magħruf bħala "missier l-iskjavi nsara" għax kull fejn kien imur kien jifdi mijiet ta' nsara mill-jasar għal mitt pjastra kull wieħed jew waħda.

Caterina Vitale li mietet ta' 53 sena, kienet mara sinjura ta' ħajja movimentata u mħawda b'diversi aspetti kontroversjali imma kienet spiċċat ħajjitha bħala benefattriċi għax ħalliet ġidha kollu lill-*Monte della redemnzione degli schiavi*. Fost ħafna affarijiet oħra, fit-testment tagħha tat il-ħelsien lill-iben ta' l-iskjava tagħha li kienu semmewh Salvatore Vitale.

## Aktar Skjavi Meħlusa

Dragut stess, wara li attakka 'l Għawdex fl-1540, kien inqabad skjav mill-Ġenoviżi u baqa' jaqdef għal tliet snin sakemm tħallaslu r-riskatt. Fi ftit żmien sar kap tal-kursari ta' l-Afrika ta' Fuq u, kif jaf kulħadd, kien ġie jmexxi l-assedju l-Kbir fuq Malta fl-1565 imma spiċċa biex inqatel hawn fl-istess okkażjoni.

Fl-1733 Ġanni Mercieca mlaqqam L-Indju, mix-Xagħra, Għawdex, kien inħataf ma' martu u sitt uliedu mill-Wied tar-Ramla u ttieħdu fil-jasar mill-kursari ta' żewġ galjotti minn Sfax. Waqt li kienu sejrin lejn ix-xtajta għamel wegħda li jibni niċċa lill-Madonna f'dik

it-triq jekk jerġgħu lura qawwijin u sħaħ. Wara sentejn tħallas ir-riskatt minn benefatturi Għawdxin u Maltin għall-ħelsien tal-familja u żamm kelmtu. In-niċċa li għadha hemm bejn ix-Xagħra u Marsalforn, magħrufa bħala "Ta' l-Anġli" jew "Ta' l-Indju".

Wieħed konti Ġermaniż vjaġġatur tas-seklu sbatax, wasal Malta. Billi kien bniedem ġeneruż u benefattur, ried jifdi skjav bħala ġest ta' karità u ried li jkun skjav l-aktar li kien imdejjaq fil-jasar. Sabulu wieħed żagħżugħ jismu Aroch. Imma bħala parti mill-proċedura tal-ħelsien tiegħu dan l-iskjav kellu jibqa' bil-ktajjen ma' saqajh u jirritorna lejn il-ħabs ma' nżul ix-xemx għal sitt-ijiem oħra qabel ma jiġi meqjus uffiċjalment ħieles.

Fit-tieni nofs tas-seklu tmintax, wieħed tabib, Giuseppe Creni, kellu skjav li kien ġabar 500 skud, biżżejjed biex jifdi lilu stess, imma t-tabib ma riedx jitilqu. Dan l-iskjav qabbad lil wieħed bejjiegħ komuni biex jgħammdu. Dik il-magħmudija, wara xi żmien, ġiet approvata u konfermata bħala valida mill-isqof għalhekk, bħala nisrani, ma setgħax jinżamm aktar skond is-sistema lokali u nħeles. Madankollu ma jfissirx li dan kien nisrani ġenwin u għex kif għoġbu hu ladarba nħeles.

Marcello Attard Vagnoli kien twieled il-Birgu fl-1605, sar qassis u kien magħruf ukoll bħala poeta. Qabel ma ġie ordnat qassis kien għamel xi żmien maqbud skjav f'Tuneż; laħaq kappillan ta' Ħal Qormi fl-1643. Lorenzo de Apapis li kien kappillan tal-parroċċa ta' San Ġorġ t'Għawdex fl-1551 inqabad skjav ma' l-eluf l-oħra li nħatfu mit-Torok, u miegħu inħataf ukoll il-kappillan tal-Matriċi taċ-Ċittadella. Ġie mifdi sentejn wara u reġa' ħa postu bħala kappillan imma l-ieħor baqa' hemm.